**Qorti Civili - Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 471/22/1**

**Operational Technology Services Limited (C 62127)**

**vs**

**Chloris Portelli et**

**Illum 14 ta' April 2022**

**Wara r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni ta' Operational Technology Services Limited, datat is-6 ta' April, 2022 u r-risposta tal-intimati datata 8 ta' April, 2022;**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Operational Technology Services Limited li permezz tieghu talbet li sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha zzomm lill-intimata milli tiddisponi minn diversa proprjeta' mmobbli ndikata fl-istess mandat;

Ir-raguni moghtija ghal din it-talba hija li waqt proceduri gudizzjarji fil-konfront tal-istess socjeta` rikorrenti, l-intimata mpjegata taghha zvelat dokumenti kummercjalment sensittivi li jirrigwardaw socjetajiet terzi u li skont is-socjeta' rikorrenti poggew fi pregudizzju serju l-interessi tal-istess terzi li ghandhom negozju mas-socjeta' rikorrenti. Is-socjeta' rikorrenti tissottometti wkoll li rizultat

ta’ dan hija tista’ tigi meqjusa fi ksur tal-klawzoli ta’ kunfidenzjalita` u tista’ tigi ordnata thallas danni fis-somma massima ta’ €317,993.05. Izzid li gie ntavolat rikors guramentat fil-konfront tal-intimata ghal-likwidazzjoni tad-danni potenzjalment sofferti li kopja tieghu gie anness mar-rikors.

Il-Qorti rat il-kopja tar-rikors guramentat anness mat-talba. Minn dan johrog li d-dokumentazzjoni allegatament kunfidenzjali giet esebita fl-atti ta’ mandat ta’ inibizzjoni li ntavolat l-intimata kontra s-socjeta’ rikorrenti odjerna fl-ambitu tal-kwistjoni industrijali li nqalghet bejniethom dwar l-impjieg taghha.

Rat ir-risposta estensiva tal-intimata Chloris Portelli fejn hija tat retroxxena dettaljata ferm tal-kwistjoni industrijali bejn il-partijiet. Hija tispjega li skontha z-zewg kumpaniji, nkluza dik terza li skont ir-rikorrenti ser tesigi l-hlas ta’ danni habba ksur tal-ftehim, fil-verita’ ghandha l-istess tmexxija u l-istess Diretturi, u ghalhekk issostni li l-proceduri li qed jittiehdu fil-konfront taghha huma kollha ntizi sabiex hija tigi skoraggata milli tkompli bl-azzjonijiet industrijali kontra l-kumpanija rikorrenti odjerna, fejn fost ohrajn, gie wkoll milqugh mandat ta’ inibizzjoni kontra s-socjeta’ rikorrenti odjerna li zammha milli tissensja lill-intimata. Hija tispjega li ghalkemm verament gie esebit document u minn dan id-dokument hija ghattiet l-informazzjoni kollha li ma kinitx rilevanti ghall-kaz taghha, ghajr dik l-informazzjoni li hi qieset li kienet tevidenzja li d-decizjoni li hija tigi ssensjata kienet wahda diskriminatorja. Gie sottomess ukoll li meta ngibdet l-attenzjoni tal-intimata dan id-dokument gie sfilzat mill-proceduri.

Illi l-Qorti rat li dan il-mandat, permezz ta’ digriet datat 6 ta’ April, 2022, gie appuntat ghas-seduta tal-11 ta’ April, 2022. Rat li fil-11 ta’ April, 2022 x’hin gie msejjah il-mandat gie vverbalizzat kif isegwi:

‘Is-socjeta’ rikorrenti u r-rapprezentanti legali taghha msejjha diversi drabi ma dehrux.

Rat illi ghalkemm is-socjeta’ rikorrenti ma gietx notifikata bl-avviz tas-smiegh, l-Avukat Joseph Grech ghan-nom tal-istess socjeta’ rikorrenti nhar it-8 ta’ April 2022 taha ruhu b’notifikat bir-risposta tal-intimata fejn fl-ewwel paragrafu tal-istess huwa indikat car illi r-rikors tpogga ghas-smigh ghall-11 ta’ April 2022 fil-10.25am.

Il-Qorti ghalhekk tqis li n-nuqqas tal-istess rikorrenti li tattendi ghal talba ta’ hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni li saret minnha stess m’hijiex gustifikata.’

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat mir-rikors promotorju li s-socjeta' rikorrenti stess tammetti li d-dokument esebit mill-intimata gie esebit fl-ambitu ta' proceduri gudizzjarji istitwiti mill-intimata odjerna kontra s-socjeta' rikorrenti. Jidher li dan kien f'ambitu ta' proceduri ta' mandat ta' inibizzjoni li ntavolat l-intimata kontra s-socjeta rikorrenti marbuta ma' tilwima industrijali bejniethom.

Illi rrizulta li din il-Qorti li meta tqajjmet il-kwistjoni tal-kunfidenzjalita` tad-dokument, ghalkemm diversa informazzjoni giet ikancellata minn dan id-dokument, dan gie xorta wahda sfilzat mill-proceduri. L-Avukat tal-intimata jsostni min-naha l-ohra izda li tant dan id-dokument ma kien kunfidenzjali xejn u ma jesponix lis-socjeta' rikorrenti li dan id-dokument gie esebit minnha stess fi proceduri ohra istitwiti fil-Qrati. Dan izda din il-Qorti ma setghetx tivverifikah mill-atti odjerni.

Illi izda l-Qorti tinnota li fl-atti odjerni tal-mandat is-socjeta` rikorrenti naqset milli tesebixxi almenu dik il-parti tad-dokument li skont l-istess allegatament hija giet esposta ghad-danni allegati. Tant hu hekk li l-Qorti odjerna ma sabet l-ebda bazi fl-atti li fuqha s-socjeta' rikorrenti waslet ghas-somma ta' danni allegata mhux zghira ta' €317,993.05. In oltre, din il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghall-fatt li s-socjeta' rikorrenti stess tammetti li hija ghadha ma soffriet l-ebda danni tant li tghid li hija fethet rikors guramentat sabiex 'titlob l-likwidazzjoni tad-danni **potenzjalment** *(emfazi tal-Qorti)* sofferti minnha', b'dan li dak li hija jidher li qed titlob anki permezz tar-rikors guramentat huma danni ipotetici u mhux reali.

**Ikkunsidrat ulterjoment;**

Illi fic-cirkostanzi kif suesposti, fl-ambitu ta' mandat ta' inibizzjoni s-socjeta' rikorrenti kien jehtieg li tipprova lil din il-Qorti l-element tal-jedd *prima facie* u tal-irrimedjabilita'. Il-Qorti tqis li mill-fatti esposti fl-atti tal-mandat is-socjeta' rikorrenti naqset milli tissodisfa l-element tal-*prima facie'* stante li ghajr ghal mera allegazzjonijiet fir-rikors, ma ressqet l-ebda prova zghira kemm hi zghira dwar il-klawzola ta' kunfidenzjalita allegata u dwar kif inhadmu l-allegati danni ipotetici li hija qed issostni li potenzjalment tista' tigi kkundannata thallas. B'mod generali din il-Qorti anzi tqis li l-intimata u kull parti f'kawza ghandha kull jedd fil-ligi li fl-ambitu ta' proceduri gudizzjarji tipprezenta dik id-dokumentazzjoni li tqis neccessarja sabiex tipprova l-pretensjoni taghha nkluz dokumentazzjoni allegatament kunfidenzjali, dan anki ghaliex il-ligi tipprovdi mezzi sabiex il-kunfidenzjalita' ta' dawn id-dokumenti, jekk ikun il-kaz tinzamm, nonostante li jkunu gew esebiti fl-atti.

Illi minn dak li rat fl-atti din il-Qorti verament tqis li dawn il-proceduri ghandhom ix-xamma ta' abbuz mis-sistema gudizzjarja sabiex l-intimata tigi skoragguta milli tkompli bl-azzjonijiet industrijali taghha fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti u din il-Qorti tirrifjuta li tkun partecipi f'dawn il-maniggi abbuzivi.

Illi la darba ma giex sodisfatt l-element tal-*prima facie* din il-Qorti ma tqis li jkun futli li tidhol ukoll f'analizi tal-element tal-irrimedjabilita`.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti u stante li l-Qorti ma tqisx li gie sodisfatt l-elementi tal-jedd *prima facie* neccessarju sabiex jibqa' in vigore l-mandat ta' inibizzjoni odjern, l-Qorti tghaddi sabiex tirrevoka d-digriet taghha tas-6 ta' April, 2022 u tghaddi sabiex tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 471/2022 kif mitlub.**

**Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.**

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**